Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,381, 24 ta' Jannar, 2025
Taqsima B

A.L. 21 tal-2025

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni fuq l-Emissjonijiet ta' Ċerti Inkwinanti Atmosferiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni fuq l-Emissjonijiet ta' Ċerti Inkwinanti Atmosferiċi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni fuq l-Emissjonijiet ta' Ċerti Inkwinanti Atmosferiċi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 549.124.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/299 tas-27 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-metodoloġija għar-rappurtar tal-emissjonijiet projettati ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi.

Jemenda l-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fit-Tabella B tal-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali l-kliem "Projected emissions by aggregated NFR" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Projected emissions by NFR source category".

Jemenda t-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fil-partita 2 tat-Taqsima 2 tat-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali l-kliem "Projections of emissions shall be estimated and aggregated to relevant source sectors." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Projections of emissions shall be estimated and reported by NFR source category. Where not possible due to lack of sufficiently detailed data, a justification for reporting at a more aggregated level shall be included in the Informative Inventory Report.".